Verżjoni Elettronika

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 21,320, 27 ta' Settembru, 2024
Taqsima B

A.L. 240 tal-2024

ATT DWAR ARTIJIET TAL-GVERN
(KAP. 573)

Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Art Agrikola Proprjetà tal-Gvern

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 31(g)(L) tal-Att dwar Artijiet tal-Gvern, il-Ministru responsabbli għall-Awtorità tal-Artijiet għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2024 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Art Agrikola Proprjetà tal-Gvern u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Art Agrikola Proprjetà tal-Gvern, hawn aktar 'il quddiem imsejħa r-"regolamenti prinċipali". L.S. 573.06.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira "obbligu ta' użu agrikolu" għandha tiġi miżjuda t-tifsira ġdida li ġejja:

" "soċjetajiet awtorizzati" tfisser l-Għaqda Piroteknika Maltija u, jew is-suċċessuri tagħha, u għandha tinkludi wkoll kwalunkwe soċjetà tan-nar oħra relatata mal-festi fl-ibliet u l-irħula u li mhumiex membri tal-Għaqda Piroteknika Maltija u li għandhom il-liċenzji u l-permessi kollha neċessarji skont l-Ordinanza dwar l-Esplożivi;". Kap. 33.

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

3. Il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subparagrafu (i) tiegħu, il-kliem "f'Malta; u" għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "f'Malta;"; u

(b) fis-subparagrafu (ii) tiegħu, il-kliem "għas-subdiviżjonijiet kollha proposti." għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "għas-subdiviżjonijiet kollha proposti; u" u minnufih wara għandu jiġi miżjud is-subparagrafu ġdid li ġej:

"(iii) ikun aċċertat li kwalunkwe diviżjoni jew sehem indiviż ta' art agrikola mikrija *in solidum* ma tkunx inqas mill-impronta ta' elf mija erbgħa u għoxrin metru kwadru (1,124m^2) u talba għal kwalunkwe diviżjoni tal-art agrikola li tirriżulta f'art li hi ta' kejl inqas mill-erja indikata

Verżjoni Elettronika

għandha tiġi rifjutata.".

Iżid regolament ġdid mar-regolamenti prinċipali.

4. Minnufih wara r-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi miżjud ir-regolament ġdid li ġej:

"Art meħtieġa għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar marbuta mal-festi.

12A. (1) Kull meta l-kerrej ikun avżat bil-miktub mill-Awtorità, huwa għandu jħalli l-art agrikola battala minn kwalunkwe prodott agrikolu u jagħti aċċess adegwat, mingħajr l-ebda dritt ta' kumpens, lis-soċjetajiet awtorizzati għal żmien stipulat għall-ħruq tax-xogħlijiet tan-nar b'rabta mal-festi tal-ibliet u rħula soġġett għall-ħruġ ta' permessi mill-Kummissarju tal-Pulizija:

Iżda l-Awtorità għandha wkoll tinkludi f'tali avviż dak il-perjodu li fih is-soċjetajiet awtorizzati jistgħu jużaw l-art qabel id-data li jinħarqu x-xogħlijiet tan-nar.

(2) Is-soċjetajiet awtorizzati għandhom, permezz ta' formola ta' applikazzjoni provduta mill-Awtorità u kif soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, japplikaw u jiksbu l-kunsens tal-Awtorità sabiex jaħarqu xogħlijiet tan-nar fuq kwalunkwe art agrikola proprjetà tal-Gvern li kienet diġà qed tintuża għall-ħruq tax-xogħlijiet tan-nar qabel jew sal-31 ta' Diċembru 2024:

Iżda fejn issir talba mis-soċjetajiet awtorizzati dwar art agrikola proprjetà tal-Gvern li ma kinitx qed tintuża għall-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar qabel jew sal-31 ta' Diċembru 2024, is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jipprovaw għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li l-art li fuqha kienu qed jinħarqu x-xogħlijiet tan-nar qabel jew sal-31 ta' Diċembru 2024 ma baqgħetx tissodisfa r-rekwiżiti stipulati fl-Ordinanza dwar l-Esplożivi.

Kap. 33.

(3) Is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jissottomettu l-applikazzjoni lill-Awtorità sal-31 ta' Mejju ta' kull sena u għandhom jindikaw id-dati li fihom ser jinħarqu x-xogħlijiet tan-nar li jkopru l-perjodu bejn is-16 ta' Awwissu tas-sena attwali u l-15 ta' Awwissu tas-sena sussegwenti:

Iżda t-talbiet magħmula sal-31 ta' Mejju 2025 għandhom ikopru l-ħruq tax-xogħlijiet tan-nar fuq art agrikola proprjetà tal-Gvern matul il-festi kollha li ser isiru fis-sena 2025 u l-perjodu sas-16 ta' Awwissu tas-sena 2026.

(4) Is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jiksbu l-permessi u l-liċenzji kollha neċessarji skont l-Ordinanza dwar l-Esplożivi.

Kap. 33.

Verżjoni Elettronika

(5) Is-soċjetajiet awtorizzati għandhom jirritornaw l-art lill-kerrej fi żmien sebat (7) ijiem miċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa u fl-istess kondizzjoni li ngħatat lilhom u mnaddfa minn kwalunkwe oġġetti relatati mal-ħruq ta' xogħlijiet tan-nar.".